**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**ID-DISA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 13**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 27 ta' Frar 2025, fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi, Ħal Qormi fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Ralph Puli
Dr Josef Masini Vento
Jurgen Abela
Fiona Borg Lewis
Marvin Zammit
Elke Cassar Sghendo
Alessio Decarlo

**ASSENTI B'APOLOGIJA**
Daniel Ablett
Xandru Mallia
Nicholai Falzon
Doris Zammit

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marilyn Baldacchino Gatt – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## 13.1 TALBA

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fetaħ il-laqgħa billi qal it-talba.

## 13.2 Qari ta' Ittri ta' Apoloġija

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsillier Daniel Ablett, Xandru Mallia, Nicholai Falzon u Doris Zammit ma setgħux jattendu għas-Seduta minħabba impenji oħra.

## 13.3 Mozzjoni re TUNNLL – EIT Urban Mobility

**MOZZJONI NRU 09 (IX)**

### 13.3.1 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Elke Cassar Sghendo

Qegħda nressaq din il-mozzjoni sabiex tiġi organizzata laqgħa fl-iqsar żmien possibbli sabiex Ħal Qormi ikun jista' jkun eliġibbli għal proġett pilota dwar servizz intern tal-karozzi tal-linja urban sostenibbli.

Il-proġett għandu l-għan li jipprovdi sistema ta' trasport pubbliku finanzjarjament vijabbli biex titnaqqas id-dipendenza fuq vetturi privati u żżid l-għażliet ta' mobbilità għaċ-ċittadini. Din se nkunu qed ngħatu opportunita' li residenti li joqgħodu fil periferija u jinżlu fiċ-ċentru u vice versa.

Noti mil-laqgħa li saret:
TOMATIQ AB tiddisinja, tiżviluppa u tikkummerċjalizza sistemi diġitali. B'għarfien espert qawwi fil-Big Data, IoT, Sistemi Ċiber-Fiżiċi u apps tal-web/mowbajl, TOMATIQ AB bħalissa tiffoka fuq l-iżvilupp tal-proġett Tunnll.

- Tunnll huwa servizz tal-karozzi tal-linja urban sostenibbli għal dawk l-ibliet żgħar li m'għandhomx trasport pubbliku lokali.
- Tunnll jimmira bliet żgħar u żgħar ħafna b'popolazzjoni ta' 9,000-25,000 abitant.
- Tunnll jipprovdi esperjenza diġitali l-ewwel app lill-passiġġieri, li tippermettilhom jużaw in-netwerk tat-trasport permezz ta 'app.

Ġie diskuss ukoll li mhux kullħadd jaf ikun iħaddem l-app u għalhekk għandu jkun hemm użu ukoll ta' card.
- Il-Kunsill Lokali mhux se jkun qed jiffinanzja dan is-servizz iżda il-prezz li se jkun qed jiġi mitlub lir-residenti irrid ikun maqbul mil-Kunsill Lokali u jekk ikun hemm bżonn issir konsultazzjoni pubblika.

- Tomatiq u l-Kunsill jistgħu fil-futur japplikaw flimkien għal diversi fondi Ewropej ta' innovazzjoni dejjem għal-ġid tar-residenti. (dan mhux obbligatorju).
- Ġew identifikati siti li huma frekwentati mir-residenti li se jkunu annessa ma din il-mozzjoni (annex I)
- Wara l-approvazzjoni tal-kunsill, ic-CEO ta din il-kumpanija mistenni jiġi Malta biex ikollu laqgħat, jagħmel il-valutazzjoni inizjali ta' Ħal Qormi u jagħti bidu għall-proġett.
- Approvazzjoni mill-awtorità tat-Trasport.
- TOMATIQ AB se tkun qed tibgħat ittra lil Kunsill Lokali għal laqgħa numru 13 (annex II).

**13.3.2** Annex I

The Proposed Frequent trips
Qormi has:
• 2 main churches - Saint George and Saint Sebatian
• 3 Banks : BOV, APS and HSBC (head office - qormi border )
• Health Centre
• Local Council & Elderly Day Centre
• 4 Schools - 2 in Qormi and 2 in Handaq (school transport is already offered by the state)
• Park and ride to connect to other cities
• Open Market (Saturdays)
• SVP (An Elderly home with 1000 residents)
• Tal Blat 1 - to Triq il-Wied accross the street frm Mriehel and alsos tal-Bat 2
• Sports Complex - near golf course which is adjacent to the Bus Park and Ride

We did not agree but after some thought it may make sense to include
• commercail areas such as KREA, Pitre, JYSK, MRCD AND BDI these are still Qormi - but are on the to Zebbug. That means that for someone living in Sat Sebastian can be a challenge to arrive.
• Social Services which is quiet frequently used.
The Council may request additional areas that deems required.

**13.3.3** Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo infurmat lill-membri li ser jidħol online is-Sur Kirill Blazhko sabiex jispjega lill-membri dan il-proġett propost.

Wara li il-membri semgħu u iddiskutew mas-Sur Blazhko, irringrazzjawh u marru għal-vot.

13.3.4 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ssekonda il-Mozzjoni.

Ivvutaw favur is-seba' (7) kunsilliera preżenti.

Ma kien hemm ħadd kontra (0) u ma kien hemm l-ebda (0) astensjoni.

Mozzjoni NRU 09 (IX) ġiet approvata.

## 13.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 13 ta' Marzu 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati llum, ***13 ta' Marzu 2025***.

| | |
|---|---|
| Josef Masini Vento (Dr) | Marilyn Baldacchino Gatt |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |